MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1241/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**KONTRA**

**JASON MANUEL BRIFFA ta' 35 sena, iben Gaetano Joseph u Aida Maria nee' Cunningham, imwieled l-Awstralja nhar id-09.12.1974, residenti fil-fond Rose Wood, Blokk A, Flat 6, 137, Triq Paderborn, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 121193M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **<u>Jason Manuel Briffa</u>** li gie akkuzat talli:

1. F’Dicembru, 2005 u fil-gimghat immedjatament precedenti, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn elf Lira Maltini (Lm1,000.00), ghad-dannu ta’ E.C.B. Hotel & Catering Equipment Ltd, ai termini ta’ l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ E.C.B Hotel and Catering Equipment Ltd, ai termini ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fl-istadju ta’ l-interrogatorju l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu;

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena;

Rat illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri, l-imputat kien anke ddikkjara li kien anke qed jattendi programm f’ hdan Santa Marija. Illi semghet ukoll lill-parte leza Mario Cutajar jixhed li ghalkemm l-imputat kien ghad ghandu jaghtieh is-somma ta’ Lm1,144.60 - flejjes mertu ta’ din l-akkuza, fil-fatt kien l-istess xhud li nstiga din il-kawza kriminali billi ghamel rapport lill-pulizija dwar l-istess. Xehed pero dan Cutajar illi stante li l-imputat kien tifel ta’ habib tieghu, ix-xhud ghalhekk qal illi kien qieghed jahfirlu l-ammont dovut.

Semghet ukoll lil Vicky Scicluna in rapprezentanza tas-Sedqa, li xehdet dwar il-progress li l-imputat ghamel fil-konfront tal-problema li kellu bl-abbuz tal-kokaina.

Illi in vista' ta hekk, u wara li rat l-ammissjoni tieghu, qieghda ssibu hati ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi r-reati taht l-Artikolu 294 u 294 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu dedotti bhala alternattivi ghal dawk ta' frodi.

Dwar il-piena, qieset il-progress ta' l-imputat, u qieghda tikkundannah ghal sentejn (2) habs sospizi ghal erba' (4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tqieghdu taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn (2) mill-lum, u qieghda ghal dan l-iskop tahtar bhala ufficjal ta' supervizjoni lil Maria Mifsud, b'dan illi l-imputat ghandu b'mod rigoruz jobdi kull ordni moghtija lilu mill-ufficjal hawn imsemmi, jew kull agenzija li hu jigi dirett lejha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------